# Antonio Mifsud

**l-iskultur tax-xeni tal-*Via Sagra* oriġinali li qiegħda fix-xelter tal-Każin Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ intervistat minn Philip Balzan**

## Xi studji għamilt u x'taħriġ ħadt fl-arti?

Sa minn meta kont żgħir kont miġbud lejn l-arti. Komplejt aktar nitħajjar wara l-ewwel lezzjonijiet li rċevejt mingħand Dr. Ġorġ Mallia (magħruf ħafna għal *cartoons* tiegħu) fis-Seminarju Minuri meta kont student fis-sekondarja. Biss dak li tagħlimt nafu l-aktar lis-Surmast tiegħi l-iskultur Chev. Alfred Camilleri Cauchi li emmen fil-kapaċitajiet tiegħi u bil-paċenza u dedikazzjoni għallimni s-sengħa artistika għal dawn l-aħħar tnax-il sena. Nixtieq insemmi wkoll lill-Iben is-surmast, jiġifieri l-artist Aaron Camilleri Cauchi li barra li hu ħabib kbir tiegħi, huwa bniedem li niddiskuti ħafna ideat miegħu u jgħini ħafna f'dik li hija teknika. Nista' ngħid li għalkemm jien student fl-istudio ta' Alfred Camilleri Cauchi, però l-lum inħossni parti minn familja waħda li ħafna mid-drabi s-suġġett diskuss tkun l-arti.

## B'liema medium tħobb taħdem?

Bħala medium l-aktar li nħobb huwa l-mudellatura bit-tafal. Inħobb inpinġi wkoll biż-żejt fuq it-tila u l-lum qiegħed nesperimenta bl-arti astratta.

## Spjegalana fil-qosor il-proċess kif wasalt ħdimt l-inkwadri tal-*Via Sagra* li għamilt għall-wirja tal-każin.

**Il-ħsieb:** Is-Sur Żaru Magri minn dejjem xtaq jiddekora ix-xelter jiġifieri t-triq li tieħu lin-nies għall-post tad-difna ta' Kristu. Kont qiegħed nitkellem mas-surmast Alfred Camilleri Cauchi u nibtet din l-idea li noħolqu xi ħaġa differenti, ta' livell artistiku u fl-istess ħin li tkompli ddaħħlek fl-ispirtu tal-Ġimgħa l-Kbira.

**Id-disinn u l-addatament għall-post:** Ix-xogħol jibda f'moħħi wara nibda l-mudellatura bit-tafal u niddiskuti l-mudell mas-surmast tiegħi. Adattament għal post ried ikun bilfors peress illi jeżisti livell għoli ta' umidità. Għalhekk ix-xogħol inħadem kollu *cold cast resin.*

**It-teknika tal-proċess u l-materjal użat:** It-teknika hija waħda normali li tintuża fl-iskultura. Jiġifieri l-ewwel isir id-disinn, il-mudellatura bit-tafal,

niddiskuti l-mudell mas-surmat tiegħi Chev Alfred Camilleri Cauchi, nieħu l-forma, wara jibda l-proċess tal-*cold cast resin (fibre glass),* titkisser il-forma u fl-aħħar l-irfinar. Minħabba l-post intgħażel kulur it-terrakotta bħala *finishing.*

## Semmilna xi xogħlijiet li għamilt u fejn qegħdin.

**2000** Indipendenza, 2000 – Collective Art Exhibition – B'Kara; Art Exhibition – Local Council – Cospicua;

**2001** Poster Design – Good Friday Pageant Group – Cospicua; Stage design – Good Friday Exhibition – Group Armar Madonna tal-Karmnu – Valletta; Restoration 2 Papier mâché Adoration Angels – St. Luke's Chapel – St. Luke's Hospital – Guardamangia;

**2002** Collective Exhibitions/Competitions – Malta Society of Arts Manufactures and Commerce – Naxxar;

**2003** Poster Design – Good Friday Exhibition – St. Philip's Band Club – Żebbuġ; Collective Exhibtions/Competitions – Malta Society of Arts Manufactures and Commerce – Naxxar;

**2004** Abstract paintings –Medical Lab Services Foyer – St. James Capua Hospital – Sliema; Collective Exhibtions/Competitions – Malta Society of Arts Manufactures and Commerce – Naxxar;

**2005** Stage Design – Good Friday Exhibitions – St. Philip's Band Club – Żebbuġ; Twelid Collective Art Exhibitions – Galleria Liberte – Valletta; Istrina '05 – Collective Art Exhibition – St. James Cavalier – Valletta;

**2006** Statwi u Statwetti tal-Ġimgħa Mqaddsa – Inquisitor's Palace Heritage Malta – Vittoriosa'

**2006** Rotta ta' l-arti (1st Ed.) – Ciappetti Restaurant & Art Gallery – Mdina; Notte Bianca (1st Ed.) – Tiżwieqa tal-Milied – St. Catherine of Italy's Church, Valletta,

**2007/8** *Via Sacra* (alto-relief sculptures) – St. Philip's Band Club – Żebbuġ; Featured Artist – Bonġu Net (Programm televiziv); Featured Artist – Mosaic (Kalamita programm televiziv) One Productions; Bust Poet Sammy Calleja – Razzett Mallia Tabone – Mosta; Rotta ta' l-Artisti (2nd Ed.) – Ciappetti Restaurant & Art Gallery – Mdina; Notte Bianca (2nd Ed.), Sekwenza I Portraits – MCC, Valletta; Notte Bianca (2nd Ed.), Sekwenza II Sculpture – Galleria Liberte – Valletta; Feature Artist – airmalta.com – Website; Natività (Alto-relief sculpture) –

featured work as Christmas Card – Ministery of Health, the Elderly and Community Care Hon. Helen D'Amaton M.P.; Roman Wall Decorations – vinum@fortanella wine Bar – Mdina;

**2008** Abstract Paintings – St. James Capua Hospital.

## Xi proġetti, aspirazzjonijiet għandek għall-futur?

Bħallissa qiegħed naħdem fuq esebizzjoni artistika ta' skultura u pittura li ser tkun fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur il-Birgu taħt l-organizzazzjoni Heritage Malta f'Ottubru 2008. Biss it-triq għat-tagħlim hija kontinwa. Inħossni li għal irrid nitgħallem ħafna, ħafna.

Barra minhekk kont involut bħala *script writer* u *artist director* fil-programm *Bottega* – minn fejn tibda l-arti fuq Net TV, liema programm ġie nnominat fil-kategorija *Best Documentary* għall-*Go Malta Television Awards 2007*. Bħalissa għaddej bil-kitba fuq proġetti oħrajn li min jaf forsi naraw fil-futur.

# Siltiet mill-Passjoni

*Joseph Bonnici*

## Il-ħsieb tal-poeżija

Din il-poeżija traddizzjonali tiddeskrivi fl-istrofi tagħha d-diversi stadji tal-passjoni ta' Ġesù Kristu. Il-poeżija tagħlaq billi fl-aħħar strofa ssemmi l-frott u lezzjoni li joħorġu minn din il-passjoni.

Wara li daħal b'Re f'Ġerusalemm
ħadd qatt ma ħaseb biex ibassar,
passjoni, li Ġesù kellu jgħaddi,
għalkemm din ma setgħetx titħassar.

B'bewsa ġie tradut l-akbar imgħallem,
mill-aktar ħabib qarib tiegħu,
għax Ġuda ftehim mal-kbarat għamel
mingħajr sħabu, li dejjem miegħu.

Kellha titħejja ċena b'tifkira,
bl-aħħar darba flimkien miġburin;
hawnhekk il-pjan b'dispjaċir inkixef,
bl-Appostli bl-intqal ġew miksurin.

Ħass in-niket iebes jaħkem fuqu,
u mar jitlob bid-dwejjaq fil-ġnien,
biex itaffi l-uġigħ tat-tbatija,
li temmietlu ħajtu fl-iqsar żmien.

Ġie maqbud u mill-proċess imgħoddi,
minn dawk li rieduh biex iwarrab;
f'dan il-waqt tal-biża' Pietru ċaħdu,
x'ħin semgħu b'ilsienu jiġġarrab.

Imwassal għand kbarat tal-qassisin,
fejn ġie mixli fuq tagħlim li qal;

ebda ħtija ġusta ma sabu fih;
b'hekk ħajtu mal-jiem kompliet titqal.

Ma kienx biżżejjed li ġuri jgħaddi,
quddiem xewwiexa bħal dawn in-nies;
sentenza tal-mewt kellha tingħata,
bi kliem Pilatu mistqarr bil-qies.

Wara li kien mogħti mill-kbir Pilatu,
u Kristu mgħoddi b'sultan b'żebliegħ;
Ġuda ħarab, u malajr mar tgħallaq,
kif il-kuxjenza daret kontrieh.

Issawwat bla rażan tant li tbiċċer;
taħt salib waqa' għal tliet darbiet;
mgħajjar u jiġbed fis-swar fit-telgħa,
sa sallbuh u kisbilna rebħiet.

B'hekk minnu twettqet il-fidwa tagħna,
u żamm l-Appostli bil-missjoni,
ħalli jixxandar mad-dinja kollha,
biex twemminu nieħduh b'lezzjoni.

## Profil ta' l-awtur

Joseph Bonnici għadnu 57 sena, mwieled u joqgħod Ħaż-Żebbuġ. Ilu jikteb sa mis-snin sebgħin. Kien membru fl-Għaqda Kittieba Żgħażagħ u mbagħad fil-Grupp Awturi. Bħallissa assoċjat ma' l-Għaqda Poeti Maltin. Ippubblika xogħlijiet ta' novelli, poeżiji u artikli fuq diversi fuljetti u rivisti. Kiteb poeżiji kemm bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan. Qara xogħlijiet tiegħu f'serati mtella' minn għaqdiet differenti, bħall-Għaqda Poeti Maltin.

# Il-Misteru ta' l-Ikbar Imħabba

*tagħrif miġbur minn Philip Agius*

Meta naslu għall-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa u nfakkru l-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu, il-Knisja Kattolika tippreżentalna għadd ta' simboli rigward il-passjoni. Allura magħna fir-riflessjonijiet tiegħu, jirraġuna kif qatt setgħu numru ta' nies f'sensihom, kellhom jaslu li jwettqu krudiltajiet hekk foħxija fuq persuna umana, li kienet magħrufa tant tajjeb fost l-istess poplu u li minnha ma rax ħlief ġid biss.

L-Evanġelisti fil-kitbiet tagħhom juruna bi kliem Ġesù stess, meta jistqarru li Hu kien ħabbar kemm-il darba li s-siegħa tal-mewt tiegħu kienet fil-qrib. La Ġesù kien għażel li ħajtu kellha tintemm fuq salib, ħadd u xejn ma seta' jżomm li din tieqaf mill-proċess tagħha.

Ma kinitx l-ewwel dehra li l-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu tkellmu bejniethom fuq Ġesù. Kienu jaraw fih persunaġġ ta' tfixkil għalihom. Għalhekk ġo fihom ixxettlet mibgħeda tbaqbaq kontra tiegħu. Ma kinitx minnaħa tagħhom żgur li baqgħu lura u ma niddewx idejhom fuqu. Għalkemm hu tassew li dawn il-kbarat tal-poplu Lhudi kienu jibżgħu li jsibu reżistenza fost il-poplu li issa kien imdorri jara l-mirakli tiegħu. Biss il-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu kellhom jitwettqu fil-mument tagħhom li kien jafu Alla.

Tant hu hekk li meta mbagħad kien wasal il-mument li din il-ġrajja kollha sseħħ ġewwa Ġerusalemm u ġabet magħha daqshekk ingustizzji kbar li d-dinja tagħna qatt ma rat bħalhom u għadhom sal-lum u hekk se jibqgħu meqjusa għall-ġejjieni bħala misteru ma ġabu l-ebda protesta. Anzi l-poplu msewwex approvhom.

Il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu miġbura fil-palazz tal-qassis il-kbir li kien jismu Kajfa bdew jiddiskutu kif kellhom jaqbdu lil Ġesù bil-qerq ta' moħħhom u jagħtuh il-mewt. Huwa kien irnexxilhom jikkuntatjaw lil Ġuda l-iskarjota, wieħed mit-tnax. Infatti dan Ġuda wasal fil-palazz ta' Kajfa waqt waħda mil-laqgħat tal-qassisin il-kbar u qallhom: "Xi tridu tagħtuni u jien nagħtikom lil Ġesù f'idejkom?" Huma tawh tletin biċċa tal-fidda bħala ħlas. Minn dak il-ħin beda jfittex okkażjoni tajba biex jagħtihom lil Ġesù f'idejhom.

Ġuda kien jaf li Ġesù kien iħobb imur jitlob fuq il-għolja taż-żebbuġ

f'qasam jismu Ġetsemani. Issa billi dak iż-żmien l-irġiel kollha kienu jkunu bil-leħja kbira, imletilfin ġol-mantell u fl-istess ħin Ġesù ma kienx ikun waħdu, iżda kien ikun qiegħed jitkellem fost l-Appostli. Lill-ġemgħa kbira ta' nies li marret ma' Ġuda sabiex taqbdu riedet lil xi ħadd minn ta' ġewwa biex jgħarfu. Ġuda kien il-bniedem ideali ghalihom. Barra minhekk ma rridux ninsew li kien miftiehem magħhom meta qalilhom, "Lil dak li nbus, dak hu Ġesù. Aqbduh!"

Meta Ġuda resaq fuq Ġesù u qallu; "Is-Sliem għalik Rabbi," u biesu kienet faċli ħafna għall-miġemgħa li tintefa' fuq Ġesù u taqbdu.

F'dan il-mument, wieħed mill-Appostli silet is-sejf u qata' widnejn Marco . Hawn Ġesù reġa' fejjaqilu.

Nistgħu ngħid li Ġesù ġie mkaxkar għal għand Anna, li kien missier il-mara ta' Kajfa wara nofs il-lejl. Dan Anna ma kellhux awtorità li jinterroga lil xi persuna fil-każ tagħna allura lil Ġesù. F'dan il-post Ġesù qala' l-ewwel daqqa fuq wiċċu.

Minn għand Anna, Ġesù spiċċa quddiem Kajfa. Hawnhekk bdew jitilgħu għadd ta' persuni li l-ebda versjoni li kienu jistqarru ma kienet taqbel ma' ta' ħaddieħor. Marku li miegħu Ġesù kien għamel il-fejqan ta' widintu, wara li din kienet inqatgħetlu bis-sejf ta' wieħed mill-Appostli mkien ma jissemma' li ta x-xhieda tiegħu. Imbagħad Kajfa staqsa lil Ġesù, "Int Iben il-Messija?" Hawn Ġesù kkonferma dan u Kajfa ċarrat ħwejġu. Is-Sanedrin irrispondew b'ħafna għajjat u bdew jistħqu ħaqqu l-mewt.

Sadattant Kajfa kien wera ħaġa li ma kienx ġust f'dan il-każ. Kien ilu jistqarr fil-pubbliku li ried joqtol lil Ġesù sabiex jinħabb mas-Sanedrin. Barra minnhekk kien midħla sew tal-liġi li kienet tgħid bil-lejl qatt ma seta' jsir ġuri. Qatt ma setgħet tinstema' kawża u tingħata s-sentenza fl-istess data. Ta' l-anqas il-qtugħ tas-sentenza suppost li kellu jsir wara li jgħaddu jumejn? Billi l-festa ta' l-Għid kienet hekk qrib ma seta' jsir l-ebda ġuri.

Ma dan irridu nżidu li Kajfa bħala l-Kap tas-Sanedrin kien jaf sewwa li kellhom ikunu newtrali u rġiel ta' fama tajba, fejn fil-każ ta' Ġesù dan kollu mkisser għax huma bdew ifittxu xhieda foloz. L-istess Kajfa bidel l-akkuża li Ġesù qiegħed jidgħi f'nofs ta' ġuri ma' li Ġesù kien kontra Cesare.

Dan il-qassis il-kbir billi kien jaf li ma kellux is-seta' li jagħti sentenza tal-mewt, mexxa lis-Sanedrin u lkoll flimkien ħadu deċiżjoni li jieħdu lil Ġesù quddiem Pilatu, li kien il-gvernatur tal-Lhudija bħala provinċja maħkum minn Ruma. Pilatu fl-istess ħin kellu l-awtorità ta' mħallef.

Pilatu mill-ewwel għaraf li Ġesù kien innoċenti. Hu ipprova jfarfar

mill-każ billi approfitta ruħu li Ġesù kien min-naħa tal-Galilija, li kienet immexxiha minn Erodi li f'dawk il-jiem inzerta li kien ukoll Ġerusalemm u baqgħu quddiemu. Erodi fil-waqt li rrabja ħafna minħabba li Ġesù ma wieġbu xejn għal bosta, mistoqsijiet li għamillu fl-istess ħin l-anqas hu ma kkundannah u reġa' bagħtu lura għand Pilatu.

Issa bdew ġejjin sensiela ta' żbalji min-naħa ta' Pilatu. Mill-ħolm tal-mara tiegħu ħareġ il-ħsieb li jisponi lil Ġesù u l-Barabba sabiex tinħoloq possibiltà li jinħeles Ġesù. Dan il-ħsieb qatt ma seta' jitwettaq b'mod posittiv minħabba l-mument ta' tixwix fost in-nies. Pilatu fil-waqt ddikjara li ma jsib l-ebda ħtija f'Ġesù, biex jikkuntenta lill-qassisin il-kbar u l-kapijiet tal-poplu, l-ewwel tah is-swat u libsuh kuruna tax-xewk li kienet tgħatti r-ras kollha bil-konsegwenzja li kkaġunat aktar tbatija fir-ras ta' Ġesù. Wara tahulhom sabiex jiġi msallab, fil-waqt li ħasel idejh minn bniedem li kien jaf li hu bla ħtija.

Il-poplu Lhudi jidher li kien vittma ta' soċjetà korretta li kienet ġejja minn sistema ta' tmexxija dittatorjali. Ġesù kien l-ewwel akkużat b'akkuża reliġjuża u mbagħad din dawruha li mhux iħalli lil min iħallas it-taxxa lil Cesare.

F'dawn il-mumenti ta' din il-ġrajja kien hemm ħafna nies li kien favur Ġesù, iżda l-folla mxewxa għamlet ħoss ikbar.

Ġesù waqt l-agunija tiegħu minn fuq is-Salibss ħafer lill-miġemgħa kollha.

# Lil Marija Addolorata

*Ġorġ Saliba*

O Marja, Omm Qaddisa,
Omm ta' Kristu w tal-bnedmin,
kemm batejt, flimkien ma' IbneK,
biex tarana mifdijin!....

....Int wellidt lill-Iben t'Alla
f'għar tal-bhejjem, umli w fqir;
....Smajt lil Xmuni.... iħabbarlek
wisq weġgħat.... u dulur kbir!...

....Ħrabt, mill-qilla ta' Erodi,
lejn l-Eġittu, fuq il-ħmar,
ma' Ġużeppi, b'Ġesù f'ħoġrok,
.... u terraqtu lejl u nhar!...

....Tlift lil IbneK ġewwa t-tempju;
qsamtu qlubkom itfittxuH....!
....Kien għad kellu tnax-il sena!!...
....Ħadtu r-ruħ meta sibtuH!!...

....Meta miet sieħbek Ġużeppi,
safi, umli, ġust, qaddis....,
Int għaraft li, issa, waħdeK,
ta' Ġesù ridt terfa' l-piż!!...

....U Ġesù, imbagħ'd, telqilha
għall-missjoni ta' tagħlim,
ta' mirakli, ta' għajnuna
lill-batut, lill-fqir, 'l-iltim!...

....Għamel ħbieb, .... w għamel għedewwa;
....w dawn ta' l-aħħar, qamu sħiħ
biex jeqirdu t-tagħlim tiegħU;

u pinġewH bniedem bla ġieħ!!...

....U sawtuH, beżqulU f'wiċċU,
tawH bil-ħarta, ddieħku biH,
u deffsulU x-xewk ġo rasU,
lil Ġesù, IbneK sabiħ!!...

....Rajtu tiela' għall-Kalvarju,
mgħobbi b'toqol is-salib!...
....Int, Marija, imxejt miegħU;
ridt sa l-aħħar tibqa' qrib!!

....Ippruvajt tmur tħaddnu miegħeK,
sabiex Int tikkonfortaH;
'mma firduK minn Ġesù IbneK!!...
....Dan l-att kiefer, kulħadd rah!!

....Rajtu jaqa', j'Omm Imnikkta,
huwa w tiela', tliet darbiet!!...
....Xi stajt tagħmel, O Marija,
biex tnaqqaslU t-tbatijiet!?!?...

....Rajt l-imrietel isammrulU
dawk l-imsiemer ġewwa jdejH;
rajt id-demm itir, ħamrani,
mat-tismir ukoll f'riġlejH!!...

....Smajt, Madonna, il-mibegħda
ħierġa tbaqbaq minn ġo ħluq
dawk li talbu li, dan IbneK,
hekk imut...., mislub hemm fuq!!...

....Bqajt sa l-aħħar, j'Omm in-Niket,
wieqfa, hemm, taħt is-salib,
ma' xi nisa oħrajn twajba,
u ma' Ġwann --- l-akbar ħabib!!

....Smajt lil IbneK, qabel mewtU,
jitlob maħfra għall-bnedmin;
u mbagħ'd jaħtrek bħala Ommna:
OMM KULL BNIEDEM, TUL IS-SNIN!!…

....Smajt lil Kristu, l-Iben tiegħeK,
jgħid li kollox kien mitmum;
u.... imbagħ'd, f'idejn missierU
reħa ruħu f'Dak il-Jum!!...

....U żidt rajt ħruxija oħra:
manigold, quddiem għajnejk,
nifed il-kustat ta' IbneK,
b'lanza kiefra, sewsew ħdejK!!...

....Kemm batejt, Verġni Marija,
għal dil-Fidwa tal-Bnedmin!!!...
....Kemm ħassejt, x'ħin Ġesù mejjet,
tawK fi ħdaneK imberkin!!!...

... Kemm infnejt, għid Int, Marija,
meta rajthom ikeffnuH,
u ġo qabar ġdid, ġo blata,
lil Ġesù rajthom jidfnuH!!!!...

O MARIJA, OMM QADDISA,
OMM TA' KRISTU W TAL-BNEDMIN,
SOFREJT WISQ, FLIMKIEN MA' IBNEK,
BIEX TARANA MIFDIJIN!!…

TħALLINIEX, GħALHEKK, J'OMM TAGħNA,
NOFFENDUH B'TAGħNA D-DBUBIET!…
…GħAX, KULMETA NWEġġGħU LILU,
TWEġġA' INT; OMM L-OMMIJIET!!!…

# Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Filatelija

*Is-sitt parti*

*Kitba ta' Carmel Scicluna Bonniċi mgħejjun minn Philip Balzan*

## Cameroun

– pajjiż kbir fil-punent tal-Afrika li fl-1884 sar protettorat Ġermaniż u bejn l-1914 u l-1916 kien okkupat mit-truppi allejati. Fl-1922 il-lega tan-Nazzjonijiet qasmitu u tat mandati separati lill-Franza u l-Ingilterra biex imexxuh. Fl-1960 it-territorju taħt Franza sar Repubblika indipendenti u f'Settembru 1961 il-kumplament tal-pajjiż li kien taħt l-Ingliżi ingħaqad mar-repubblika tal-Cameroun li f'Novembru 1995 saret membru tal-Commonwealth. Jintuża l-Frank tal-Afrika ċentrali bħala munita.

- **1977:**- L-ewwel sett maħruġ għall-Għid kien fih tlett bolol li juru: f'tal-50f, lil Kristu msallab – il-pittura ta' l-artal tal-knisja ta' Issenheim, xogħol ta' Mathias Grunewald; tal-125f, Kristu fuq is-salib mpitter minn Velasquez u tal-150f, id-difna ta' Kristu, mpittra minn Titian.
- **1982:**- sett ta' 3 bolli, b'valuri ta' 100f, 200f u 250f li juru rispettivament: lil Kristu fil-Ġnien taż-Żebbuġ ( ta' Eugene Delacroix), dettal ta' Ġesù mniżżel mis-salib (ta' Giotto) u l-Pieta fil-kampanja (ta' Bellini).
- **1984:**- Nħareġ sett ta' żewġ bolol tal-200f u tal-500f li juru l-Pieta (ta' G. Hernandez) u l-martirju ta' San Ġwann l-Evanġelista (ta' C. Le Brun).
- **1986:**- Sett ieħor ta' żewġ bolli: tal-210f turi l-Madonna (ta' Pierre Prud'hon) u tat-350f it-tħaġġir ta' San Stiefnu ( Van Scorel).

## Il-Gżejjer Cayman

– grupp ta' gżejjer fil-British West Indies li kien dependenza tal-Jamaica sa Awissu tal-1962, meta saru kolonja tar-Renju Unit. Jużaw il-Lira tal-Jamaica (100 ċenteżmi) bħala munita.

- **1970**:- Sett ta' seba' bolol għall-Għid: erbgħa minnhom kollha tal-$^1/_4$ċ u l-oħrajn tal-10ċ, 12ċ u 40ċ. Kollha juru l-pittura ta' Titian imsejjħa 'Noli me Tangere' (la tmissnix) li turi lil Kristu ikellem lil Marija Madalena wara li rxoxta.
- **1973**:- Inħareġ sett ta' erba' bolli intitolati hekk: tat-10ċ, it-Triq tad-

Duluri; tat-12ċ, Kristu Rxoxt; ta' l-20ċ l-Aħħar Ċena u tat-30ċ Kristu mislub.
- **1975:-** Sett ta' żewġ bolli, tal-15ċ u tat-30ċ li t-tnejn iġibu il-Kruċifissjoni. Sett ta' żewġ bolli, tal-15ċ u tat-30ċ li t-tnejn iġibu il-Kruċifissjoni.
- **1978:-** sett ta' erba' bolli biex ifakkru l-erba' mija u ħamsin sena mill-mewt tal-pittur Durer. Dawn juru: il-Kruċifissjoni (tat-10ċ), lil Ġesù f'Emmaus (tal-15ċ), id-daħla trijonfali f'Ġerusalem (tat-20ċ) u 'l Ġesù jaħsel saqajn Pietru (tat-30ċ).
- **1981:-** sett ieħor ta' erba' bolli intitolati hekk: 3ċ – L-Ewkaristija, 10ċ - il-Kuruna tax-Xewk; 20ċ – is-Salib u $1 – is-Sinjur Ġesù Kristu.
- **1999:-** Erba' bolol f'sett bi pitturi ta' Gladwyn Bush: fuq tat-10ċ, "Gerrbu l-blata"; ta' l-20ċ it-Tlugħ is-Sema ta' Ġesù; tat-30c, id-Dinja titlob għall-Paċi u ta' l-40ċ, il-Kalvarju.
- **2004:-** L-aħħar wieħed huwa sett ta' żewġ bolli: tal-15ċ turi lil Ġesù mgħobbi s-Salib (pittura ta' Carole Mayer) u dik tat-30ċ it- Tlugħ is-Sema ta' Ġesù (minn Natasha Claire Kozaily).

## Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali

– Fl-4 ta' Diċembru 1976 il-President Bokassa sar Imperatur u bidel isem il-pajjiż għall-Imperu tal-Afrika Ċentrali. Imbagħad fl-1979 meta dan l-imperatur ġie mneħħi, isem il-pajjiż reġa sar kif kien qabel. Il-munita hija l-Frank tal-Afrika ċentrali.
- **1983:-** Insibu sett wieħed biss, ta' 3 bolli bi pitturi ta' Rembrant: id-Difna (100f), Kristu msallab (300f) u Ġesù mniżżel mis-salib (400f).

## Colombia

– Pajjiż kbir fil-majjistral tal-Amerika t'isfel. Sal-1830 kienet parti minn pajjiż ferm ikbar li nqasam li tlieta: l-Columbia, l-Ekwador u l-Venezwela. F'dawn l-aħħar ħamsin sena kellha ħafna ġlied intern fejn gruppi militari joħduwa kontra l-awtorita tal-gvern ċentali. Bħala munita jużaw il-peso.
- **1999:-** Bolla waħda biss, ta' 1000p, maħruġa biex tfakkar l-450 anniversarju tal-belt ta' Pamplona. Il-bolla bil-kulur turi il-kurċifiss fuq Pamplona.

## Congo (Brazzaville)

– Pajjiż fil-punent tal-Afrika ċentrali li kienet kolonja Franċiża sa' l-1960. Wara l-indipendenza għamlet mat-tletin sena taħt dittatorjat Marksista,

għall-perjodu ta' ħames snin (1992 – 1997) kellha demokrazija ta' partiti u mbagħad reġgħet lura għad-dittatorjat Marksista. Il-munita hija l-Frank tal-Afrika ċentrali.

- **1971:-** L-ewwel sett tal-Għid li ħareġ dan il-pajjiż kien fih ħames bolol bi pitturi reliġjużi imqasmin kif ġej: 100f – Kristu jġorr is-salib (tal-Veronese); 150f – Kristu mislub (mill-iskola Burgundjana, c1500); 200f – Ġesù mniżżel mis-salib (ta' Vander Weyden); 250f – id-Difna (mill-iskola Flemminga, c1500); 500f – l-Irxoxt (ta' Memling).
- **1980:-** Sett ta' ħames bolli bi pitturi ta' Rembrant: 65f – l-adorazzjoni tar-rgħajja; 100f - id-Difna; 200f – Kristu f'Emmaus; 300f – il-Lunzjata u tal-500f – il-Kruċifissjoni.
- **1983:-** L-aħħar sett tal-Għid kien fih tlett bolol li jfakkru l-500 sena mit-twelid tal-pittur Raffael. Dawn juru: 200f – it-Trasfigurazzjoni; 300f – id-depożizzjoni ta' Kristu fil-qabar u l-400f – Kristu fil-Glorja.

## Il-Gżejjer Cook

– Arċipelogo ta' ħmistax-il-gżira żgħar fil-Paċifiku. Għandhom demokrazija parlamentari u huma assoċjati ma' New Zealand. Il-munita hija id-Dollaru ta' New Zealand.

- **1970:-** L-ewwel sett tal-Għid li ħareġ dan il-pajjiż kien fih erba' bolol kollha juru Kristu Rxoxt iżda mpittra minn artisti differenti. Dawn huma imqasmin hekk: tal-4ċ minn Raffael; tat-8ċ Dirk Bouts; ta' l-20ċ Altdorfer u tal-25ċ Murillo.
- **1973:-** Sett ta' tlett bolol b'dawn it-temi: tal-5ċ – 'Noli me Tangere' ta' Titian; tal-10ċ – 'l-inżul mis-salib' ta' Rubens u tat-30ċ 'it-tniegħid ta' Kristu' minn Durer.
- **1974:-** Sett ieħor ta' tlett bolol b'dawn is-suġġetti: 5ċ- 'Ġesù jġorr is-salib' impittra minn Raffael; 10ċ – 'It-Trinita Mqaddsa', ta' El Greco u 30ċ – 'id-depożizzjoni ta' Kristu fil-qabar' ta' Caravaggio.
- **1976:-** Komplew is-sensiela ta' settijiet tal-Għid bi tlett bolli li juru pitturi famużi: fuq tas-7ċ – id-Difna minn Raffael, f'tal-15ċ, il-Pieta ta' Veronese u tal-35ċ il-Pieta ta' El Greco.
- **1977:-** F'din is-sena fakkru l-400 sena mit-twelid tal-pittur Rubens b'sett ta' tlett bolli wkoll li jġibu: fuq tas-7ċ u tal-15ċ – Ġesù fuq is-Salib u f'tal-35ċ, id-depożizzjoni ta' Kristu fil-qabar. F'din is-sena fakkru l-400 sena mit-twelid tal-pittur Rubens b'sett ta' tlett bolli wkoll li jġibu: fuq tas-7ċ u tal-15ċ – Ġesù fuq is-Salib u f'tal-35ċ, id-depożizzjoni ta' Kristu

fil-qabar.

- **1978:-** F'dan is-sett, dejjem bi tlett bolli, ġabu pitturi li jinsabu fin-'National Gallery' ta' Londra. Dawn huma: l-Pieta, ta' Van der Wayden fuq il-15ċ; id-Difna, ta' Michelangelo fuq il-35ċ u L-Ikla ta' Emmaus, ta' Caravaggio fuq il-75ċ.
- **1979:-** Din is-sena s-sett tal-Għid kien fih erba' bolli li kull waħda turi dettal differenti minn pittura ta' Gaspar de Crayar intitolata 'L-inżul': fuq l-10ċ, il-Madonna bil-ġisem mejjet ta' Kristu; it-12ċ, San Ġwann; il-15ċ, Marija Madalena u l-20ċ, l-Anġli jibku.
- **1980:-** Is-sett issa kiber għal sitt bolol li bi lwien tad-deheb u kannella juru riproduzzjonijiet ta' Gustav Dore. Żewġ bolol ta' 20ċ juru l-flaġellazjoni u l-kuruna tax-xewk; tnejn oħra ta' 30ċ juru l-Kristu nsulentat u 'l Ġesù jaqa' taħt is-salib; u l-aħħar par ta' 35ċ fihom il-Kruċifissjoni u l-inżul mis-salib.
- **1981:-** L-aħħar sett li niltaqgħu miegħu fih erba' bolli bi stampi minn ktieb Franċiż tat-talb tas-seklu tnax: 15ċ, il-Kruċifissjoni; 30ċ, il-Viżitazzjoni; 40ċ, it-twelid u l-50ċ l-Epifanija.

## Ċipru

– It-tielet l-ikbar gżira fil-Mediterran. Kienet kolonja Ingliża sal-1960 meta ħadet l-indipendenza u sena wara saret Repubblika fi ħdan il-Commonwealth, għalkemm L-Ingliżi għad għandhom żewġ bażijiet militari kbar. Fl-1974 wara nkiet politiku intern, l-armata Torka invadiet u okkupat terz tal-art ta' din il-gżira u hekk qasmitha fi tnejn: parti għaċ-Ċiprijotti Torok u parti għaċ-Ċiprijotti Griegi li hija r-Repubblika rikonoxxuta mill-Ġnus Magħquda. Fl-1 ta' Mejju 2004 daħlet membru fl-Unjoni Ewropeja. Il-munita kienet il-Lira Ċiprijotta sal-2007 u fl-1 ta' Jannar 2008 saret l-Ewro.

- **1997:-** Insibu set wieħed biss tal-Għid minn dan il-pajjiż. Fih żewġ bolli bi pitturi reliġjużi li jinsabu fil-Monasteru ta' San Ġwann Lambadestis: tal-15ċ turi l-aħħar Ċena u tal-25ċ il-kruċifissjoni.

## Repubblika Dominikana

– Il-lum hija Repubblika demokratika li tmexxi n-nofs tal-lvant tal-gżira Hispanjola fil-Karibew fejn Kristofru Kolombu kien niżel l-art fil-5 ta' Diċembru 1492 u waqqaf l-ewwel kolonja Spanjola fl-Amerika. Wara l-Ispanjoli, fl-1795 għaddiet għand il-Franċiżi u fl-1844 saret indipendenti.

Wara nkwiet politiku intern, l-Istati Uniti okkupata mill-1916 sal-1922. Wara dan kienet maħkuma minn diversi dittaturi sakemm fl-1978 saret demokrazija parlamentari. Il-munita wżata hija l-peso.

- **1979:-** Niltaqgħu ma sett wieħed ta tlett bolol tal-Għid b'dawn it-temi: 2c – il-Kruċifissjoni; 3ċ – Ġesù jġorr is-salib u 10ċ – il-Papa Ġwann Pawlu II bis-salib.

EDITORJAL

# Tiġdid fil-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u fil-kumitat Organizzattiv tagħhom

Wara li s-sena l-oħra is-Sinjura Doreen Attard Montalto rtirat mill-kariga attiva ta' president tal-kumitat li ħoloq u baqa' jorganizza il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep, inħatar minflokha s-Sur Rosario Magri. Rosario kien dak li ħareġ bl-ewwel proposta u li ħadem bla heda biex setgħu jsiru dawn il-wirjiet. Kien u għadu l-moħħ u l-mutur wara dan il-kumitat sa mill-bidu.

L-ewwel idea ta' Rosario kienet li tinħoloq wirja bi statwi ta' xi metru fid-daqs. Sa dak inhar il-wirjiet li kien hawn f'Malta kienu ta' settijiet ta' vari bi statwi ta' daqs ta' 30 ċentimetru. Meta ddiskuta dan il-ħsieb mal-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi dan ipproponielu li l-istatwi jsiru ikbar – isiru lifesize. Il-ħsieb ingħoġob u ma damx ma beda jitwettaq – anke jekk qabel Rosario kellu jegħleb l-oppożizzjoni interna li sab minn dawk li dehrilhom li wirja tal-Ġimgħa l-Kbira ma kienx lokha f'każin tal-banda. M'għandniex xi ngħidu, sab ukoll min qabel miegħu u għenu – b'hekk inħoloq il-kumitat organizzattiv fl-1991 bl-iskop li joħloq il-wirja u jiżgura li din ma' tkunx ta' pis finanzjarju fuq il-każin. Fl-1992 dehru uħud mill-istatwi kbar taċ-ċenaklu – l-iskultur ma kienx laħaq jillesti s-sett sħiħ. Ġmielhom saħħar lill-membri u dawwar l-opinjoni tax-xettiċi – li issa wħud minnhom bdew saħansitra jgħinu biex il-wirja tikber u tisbieħ. Bid-donazzjonijiet tal-pubbliku li beda jżur din il-wirja, setgħu jsiru żjidiet u tkabbir fil-wirja kważi kull sena. Mhux biss, imma minn wirja waħda żdiedu għal sitta – fi swali differenti fl-istess bini. Dan għen ħafna biex nies li kienu diġa raw il-wirja reġgħu ġew iżuruha kemm-il-darba u għen ukoll biex Ħaż-Żebbuġ jakkwista identita ġdida bħala l-Mecca tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-gżejjer Maltin.

Din is-sena qed jitkompla s-sett ta' nkwadri alto-riljev b'xeni mill-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, ddisinjati u maħdumin mill-iskultur żgħażugħ Antonio

Mifsud taħt id-direzzjoni artistika ta' Alfred Camilleri Cauchi. Barra minn hekk il-filmat tat-taqsima awdjo-viżiva sar mill-ġdid, isbaħ u b'aktar atturi. Qed jinbidel it-tqassim tal-wirja. Dan kien meħtieġ minħabba li mhux aktar possibbli li tintuża s-sala fejn hemm il-linfa u l-mejda kbar li saru ġodda dan l-aħħar. Issda iċ-ċenaklu u s-sett ta' vari żgħar se jintramaw fis-sular t'isfel, il-Golgota fis-sular ta' fuq, id-difna u s-sett ta' nkwadri alto-riljev fix-xelter waqt li l-wirja awdjo-viżiva tal-Irxoxt se tkun f'kamra ġdida fil-kantina. Dan ifisser li se jkun hemm bżonn aktar voluntiera li joqgħodu mal-wirjiet li se jkollhom tlett dħulijiet differenti. Ifisser ukoll aktar kumdita għan-nies li se jżuru l-wirjiet.

Nroddu ħajr mill-qalb lill-voluntiera li jgħinuna u lin-nies li jżuruna numerużi f'dawn il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**Bord editorjali:** Philip Balzan (editur), Philip Agius, Josef Cachia, Agnes Pirotta.

**Stampa tal-faċċata:** Dettal miċ-Ċenaklu - waħda mill-wirjiet fil-Każin Banda San Filep.

Il-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851:
tixtieq il-Għid it-Tajjeb lil kulħadd
tħeġġek tattendi għall-eżerċizzi tar-Randan u tersaq għas-sagramenti
tistiednek tgawdi d-daqq tal-Banda San Filep waqt il-purċissjoni tal-Irxoxt f'Ħaż-Żebbuġ.

# In-Nisa l-oħra

*Minn Joe Flask*

"Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala." (Ġw 19, 25) Jekk inżidu lil San Ġwann, din hija x-xena tipika ta' l-hekk imsejħa "Vara l-Kbira" jew ta' xi pittura li tfakkar l-aħħar mumenti ta' l-Imsallab fuq il-Golgota.

Imma ejjew inħallu barra, lil San Ġwann u għal din id-darba anki lill-Verġni Marija li, il-preżenza tagħha fuq il-Kalvarju kienet iktar milli ovvja. Normalment l-Omm qatt ma tabbanduna lill-binha u ssegwih sa l-aħħar, anki jekk ikkundanat għall-mewt! U dan biex inkun nista b'xi mod inwieġeb għal xi mistoqsijiet: min huma in-nisa l-oħra? Kemm kienu fil-fatt? Għalfejn kienu hemm? San Ġwann isemmi tnejn imma San Luqa kien iktar preċiż u dettaljat meta jirreferi għan-nisa li mxew wara Ġesù: "Marija, li kienu jgħidulha ta' Magdala, li minnha kienu ħarġu seba' xjaten, Marija omm Ġakbu u Ġużeppi, Salome omm Ġakbu u Ġwanni ulied Żebedew, Ġwanna mart Ħuża, prokuratur ta' Erodi, Susanna, u ħafna oħrajn…" "Mill-Galilija komplew mexjin warajh, anki tul il-mixja lejn il-Kalvarju…." "Fuq il-Golgota baqgħu hemm sa l-aħħar anki jekk "qagħdu jaraw mill-bogħod" għax ma kienux jistgħu jersqu iktar milli suppost, u minn taħt is-salib, imnikktin u mdejqin "mxew wara Ġużeppi minn Arimatija u raw il-qabar u kif kienu qiegħdu l-katavru;" "mbagħad reġgħu lura u ħejjew l-fwejjaħ u l-mirra." (Lq 8,3; 23,27-28, 49, 55; 24,1-8).

Lil dawn in-nisa, anki jekk fosthom kien hemm nisa sinjuri u tat-tajjeb bħal Ġwanna u Susanna, b'terminoloġija li ma tagħmilx sens, insejħulhom "nisa twajba" sempliċement għax is-soltu kienu "jaqdu minn ġidhom lil Ġesù u lill-Appostli, u jgħinuhom fil-bżonnijiet ta' kuljum." (Lq 8, 3) Iktar jixiriqilhom jissejħu: nisa qalbiena, ommijiet ta' kuraġġ: għax sfidaw id-drawwiet ta' żmienhom u ħarrġu fil-berah jagħtu xhieda ta' twemminhom, minkejja il-periklu ma beżawx jgħarfu lil Kristu: "Ħieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija!"(Lq 7,23) u baqgħu hemm: weqfin u mbikkijin, sa l-aħħar, għax riedu juru li huma ħaġa waħda ma' dak li kien ġie kundannat għall-mewt l-aktar kiefra ukoll jekk kien raġel ġust u ħanin u għalhekk bla ħtija.

Uħud minn Missirijiet il-Knisja u Għorrief insara oħrajn qatt ma

niżlitilhom tajjeb l-importanza li l-evanġelisti, speċjalment San Luqa, taw lil dawn in-nisa u għalhekk tfanstu mhux ftit bil-privileġġ li nagħtaw uħud minn dawn l-imsemmija nisa, li kienu l-ewwel persuni li raw lil Kristu Rxoxt. Effettivament, imma, hekk kien xieraq, għaliex kienu huma l-aħħar persuni li rawh mejjet, wassluh sad-difna, xtraw il-fwejjah u reggħu marru lura biex jidilkuh bihom.(Mk 16, 1 u ss). Il-qofol qiegħed fit-tweġiba li kien taha Ġesù nnifsu meta wieġeb lil San Pietru fuq dik il-mara li kienet għadha kemm ħaslitlu u bisitlu saqajh: "Għax ħabbet ħafna."(Lq 7,47) Ġesù, qal iktar minn hekk u żied jgħid: "Kull fejn jixxandar dan l-evanġelju fid-dinja kollha, li għamlet din jingħad ukoll b'tifkira tagħha."(Mt 26,13). Tabilħaqq hekk hu, dawn in-nisa li semmejna ħabbew ħafna u wara Marija omm Ġesù, kienu huma l-ewlenin li ħaddnu u għixu l-ispirtu tal-Vanġelu.

Fil-Liturġija Biżantina, it-Tieni Ħadd fuq l-Għid huwa dedikat lil dawn in-nisa. Persważ, li l-Mulej, jifraħ b'din il-festa ta' dawk in-nisa li ħabbewh u emmnu fih f'ħajtu, f'mewtu u fil-qawmien mill-mewt tiegħu. Egħmilhom, jista' wkoll jissarraf f'tagħlima għalina li qed ngħixu f'ċivilta' teknoloġika u globalizzata, u jekk tassew irridu ngħelbu kull hemm tal-ħajja irridu nuru kuraġġ , irridu nuru li aħna wkoll nies ta' qalb kbira li taf tħobb u tgħader u fuq kollox temmen fil-Feddej.

# Il-vari ta' l-Ort

Għalkemm fil-pajjiż hawn dsatax-il purċissjoni tal-passjoni, jesistu għoxrin vara ta' l-Ort. Fiż-Żebbuġ (Għawdex) hemm il-vari tradizzjonali kollha iżda ma ssirx purċissjoni tal-passjoni. Din il-vara għandha diversi ismijiet. Hawn min jirreferi għalija sempliċement bħal l-Ort, oħrajn jgħidulha l-Orazzjoni, taż-Żebbuġ jew taż-Żebbuġa. Din il-vara tippresenta lil Sidna Ġesù Kristu fil-ġnien ta' l-Ort. Hawn Gesù għeraq l-għaraq tad-demm. Il-vara tipikament Maltija tippresenta lil Ġesù għarkobbtejh jitlob taħt siġra friska taż-żebbuġa. din il-vara qed tippresenta l-ewwel misterju tat-Tbagħtija, wieħed mill-misterji tar-Rużarju. Biswit il-figura ta' Ġesù jkun hemm figura ta' anġlu li jkollu sew kalċi u salib. Dawn iż-żewġ simboli qed jippresentaw il-passjoni li dalwaqt Ġesù ser jgħaddi minnha. Lil Kristu dejjem narawh mixħut taħt siġra b'idejh qed juri li qed jitlob. Il-figfura ta' Kristu hija aktarx fuq il-lemin u dik ta' l-anġlu fuq ix-xelluġ. Bejn vara u oħra nittotaw li l-artisti jipprovaw jimxu mal-linji gwidi tal-vara tradizzjonali u fl-istess ħin xi wħudd minnhom daħlu dik l-element uniku. Naraw l-ewwel il-vari tal-purċissjonijiet l-oħra u fl-aħħarnett naraw il-vara żebbuġija.

## Il-Belt Valletta

Il-vara beltija hija tal-kartapesta. Din hija xogħol Saverio Laferla u saret qrib is-sena 1730. Il-figura ta' Kristu kienet swiet tlettax-il skud, tliet irbajja' u għaxar ħabbiet. Dawn l-ispejjeż ħariġhom Girolamo Grugno. Maż-żmien ziedu l-figura ta' l-anġlu. Din saret mill-Għawdxi Wistin Camilleri fl-1939. Fl-1980 din il-vara ġiet restawrata minn iben Wistin Alfred Camilleri Cauchi. Il-vara beltija turi lill-anġlu bis-salib fuq ġewwa u kalċi fuq barra. Il-ħarsa ta' Kristu hija lejn is-sema u mhux lejn l-anġlu. Din turik li Kristu jinsab f'estasi f'talb lejn Missier Etern.

## Il-Birgu

Il-Vara girbija turi lil Kristu għarkobbtejh taħt siġra biswitu hemm anġlu li għandu salib ta' l-ebbanu u kalċi. Il-kalċi jinsab 'l ġewwa waqt is-salib jinsab fuq barra. Wiċċ Kristu qed jħares lejn l-anġlu. Il-figura ta' Kristu hija mlibbsa libsa tal-bellus b'galluni tad-deheb. Din il-figura tal-kartapesta waqt

li r-ras hija ta' l-injam. Skond ix-xjuħ din il-figura saret minn Melkjorre Gafà. Il-figura ta' l-anġlu saret minn Giovanni Darmanin fl-1878. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija din il-figura tkessret u fl-1946 saret oħra ġdida minn Abram Gatt.

## Bormla

Il-vara bormliża turi lil Kristu mixħut tat-tul taħt is-siġra taż-żebbuġa. Madwaru ma hemmx anġlu wieħed iżda tnejn. Wieħed minn dawn l-anġli qed iżomm is-salib u l-kalċi. L-anġlu l-ieħor qed iżomm lil Kristu. Wiċċ Kristu qed iħares lejn is-sema. Din il-vara tassew unika hija magħmula mill-kartapesta, xogħol Karlu Darmanin fl-1878. Is-salib hu ta' l-ebbanu u sar mill-mastrudaxxa Lorenzo Busuttil fl-1907. Dan kien riġal ta' wieħed mill-fratelli, Ġeradu Rosso Frendo tal-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss l-fratellanza li torganizza din il-purċissjoni. Fl-1900 il-familja Damato kienet irregalat il-kalċi tar-ram indurat. Fl-1914 Antonio Ellul ħallas biex isiru t-tliet finimenti tal-fidda li hemm madwar is-salib. Ir-raġġiera saret mill-arġentier Franġisk Castagna fl-1858, mela din saret għall-vara li kien hemm qabel dik ta' Karlu Darmanin.

## L-Isla

Il-vara senglejana turi lil Kristu għarkobbtejh jitlob. Fuq il-lemin hemm l-anġlu li qed iżomm is-salib fuq ġewwa u kalċi fuq barra. Din hija vara qadima għaliex hija waħda mill-vari tas-sett oriġinali. Ma jeżisti l-ebda tagħrif fuq din il-vara, sew minn għamilha u sew meta saret. Żġur din il-vara għandha 'l fuq minn mitejn u disgħejn sena.

## Raħal Ġdid

Din hija vara tassew oriġinali. Naraw lil Kristu b'idu l-leminija mitluqa bla ħajja fuq blata. Jinsab b'ħass ħażin. L-anġlu la għandu salib u l-anqas kalċi. Dan jinsab mifxul u mħassab, ma jafx kif ser jaqbad imiss lil Kristu għax jibża li ser jieħu qata'. Dan hu xogħol fil-kartapesta, xogħol ta' Antonio Farrugia fl-1972. Din il-vara tħallset minn Ġużeppina Deguara.

## Iż-Żejtun

Il-vara Żejtunija turi lil Kristu jitlob taħt is-siġra taż-żebbuġ. Hemm ukoll anġlu li qed iżomm salib fuq barra u kalċi fuq gewwa. Il-figura ta' Kristu hija qadima għaliex aktarx hija l-ewwel waħda li nħadmet u li għalkemm

għamlet żmien imwarrba reġgħu daru għalija. Il-fiġura ta' l-anġlu saret minn Xandru Farrugia. Skond leġġenda din il-figura kienet saret għall-vara tal-Lunżjata iżda t-Tarxiniżi ma tantx kienu ferħanin biha u l-artist għamilihom oħra. Fl-aħħarnett din il-figura saret ruħha fl-vara ta' l-Ort. Skond xi studjużi din il-vara aktarx kienet diġà tesisti qabel is-sena 1800.

## Ħal Għaxaq

Il-vara Għaxqija turi lil Kristu mixħut taħt is-siġra taż-żebbuġ. L-anġlu qed iżomm il-kalċi fuq ġewwa u s-salib fuq barra. Din hija tal-kartapesta u ħarġet minn id Ġużeppi Vella fl-1830. Din il-vara saret bejn is-snin 1821 u 1865.

## Ħal Luqa

Il-vara luqija turi lil Kristu mixħut taħt is-siġra taż-żebbuġ. L-anġlu għandu kalċi fuq ġewwa u salib fuq barra. Din hija xogħol tal-kartapesta xogħol Ġużeppi Vella ta' l-1830. It-tlitt irjus skolpiti tal-fidda tas-salib saru fl-1976 u tħallsu minn Toni Brincat.

## Ħal Qormi

Il-vara Qormija turi lil Kristu mixħut taħt siġra taż-żebbuġ. Din il-vara, bħal dik ta' Bormla, għandha żewġ figuri ta' anġli. Hawn min jgħid li saret minn Karlu Darmanin u oħrajn jgħidu li saret minn Vincenzo Cremona. Din saret fl-1878. Wieħed mill-anġli qed iżomm salib (fuq ġewwa) u kalċi (fuq barra). Is-salib hu intarżjat u nħadem mill-imgħallem Manwel Debono fl-1979. Il-kalċi kien tal-kanonku onorarju Dun Gwann Porsella Flores. Dan il-membru tal-kleru miet fl-1939.

## Ir-Rabat (Malta)

Il-vara Rabtija turi lil Kristu għarkobbtejh. L-anġlu għandu l-kalċi fuq gewwa u s-salib fuq barra. Din hija vara tal-kartapesta u saret minn Antonio Mifsud fl-1825. Fl-1882 saret ir-raġġiera tal-fidda li naraw madwar ras Kristu. Din kienet riġal tan-nobbli Ursola Grech Delicata Theuma Castelletti.

## Il-Mosta

Il-vara Mostija turi li Kristu mixħut taħt siġea taż-żebbuġ. Fuq il-lemin hemm l-anġlu li jinsab iżomm is-salib fuq gewwa u kalċi fuq barra. Is-salib hut al-ġewż waqt il-kalċi hu tal-fidda. Fl-1952 din il-vara nżebgħet u mpittret

minn Rafel Bonnici Calì.

## In-Naxxar

Il-vara Naxxarija turi lil Kristu mixħut taħt siġra taż-żebbuġ. Fuq ix-xelluġ hemm anġlu li qed iżomm kalċI fuq gewwa u salib fuq barra. Din hi xogħol fil-kartapesta minn Mastru Saverio Laferla fl-1753. Fl-1770 din il-vara nżebgħet mill-ġdid u l-kalċi ġie ndurat bid-deheb. Wara l-1880 il-figura ta' Kristu nżebgħet mill-ġdid waqt dik ta' l-anġlu reġgħet saret minn Karlu Darmanin. L-anġlu qed iżomm kalċi minn gewwa u salib fuq barra. L-anġlu jinsab fuq blata.

## Il-Għargħur

Il-vara tal-Għargħur turi lil Kristu mixħut taħt siġra taż-żebbuġ. Il-figura ta' l-anġlu qed iżomm is-salib fuq barra u l-kalċi fuq gewwa. Il-figura ta' Kristu hija tal-kartapesta waqt dik ta' l-anġlu hija kompożizzjoni ta' ġibs u kartapesta. Il-vara saret minn Karlu Darmanin fl-1868.

## Ix-Xewkija

Din il-vara turi lil Kristu mixħut għarkobbtejh u fuq ix-xelluħ hemm anġlu li qed iżomm salib fuq gewwa u kalċi fuq barra. Din hija xogħol fil-kartapesta xogħol Wistin Camilleri. Saret bejn is-snin 1922-1924. Din tħallset minn benefattur mix-Xewkija. Din il-vara ġiet irrestawrata minn bin Wistin Michael Camilleri Cauchi.

## In-Nadur

Din il-vara Nadurija turi lil Kristu jitlob taħt siġra taż-żebbuġ. Fuq ix-xelluġ naraw lil Kristu għarkobbtejh qed jitlob. L-anġlu għandu kalċi biss ma hemmx salib. Din tagħmel din il-vara unika. Il-vara hija ta' l-injam u saret f'Bolzano fis-sena 1927. Din tħallset minn Marċell u Roża Camilleri. Fl-1991 Michael Camilleri Cauchi rrestawra u modifika din il-vara. Il-figura ta' Kristu tgħolliet 'l fuq u tresqet aktar lejn il-figura ta' l-anġlu jiġifieri lejn ix-xelluġ.

## Ix-Xagħra

Din il-vara turi lil Kristu għarkobbtejh u fuq il-lemin Tiegħu hem mil-figura ta' l-anġlu li qed iżomm kalċi . Dan ma għandux l-ebda salib. Din il-vara hija tal-kartapesta xogħol ta' Guacci minn Lecce l-Italja. Saret fl-1914.

Il-figura ta' kristu tħallset minn Ġużeppi Bonello li kien ħa l-inzjattiva biex jiġbor għall-vari tal-passjoni. Il-figura ta' l-anġlu tħallset minn Anġlu Attard. Din il-vara ġiet irrestawrata darbtejn, l-ewwel darba mill-Professur Taljan Salvatore Bruno ta' Baru (1961) u l-aħħar darba mill-Professur Antonio Malecore ta' Via Alami Lecce (1989).

## Il-Belt Victorja

F'din il-belt, uniku waħda ta' Għawdex, hemm żewġ settijiet tal-passjoni. Waħda minnhom tinsab fil-knisja katidrali u s-sett l-ieħor jinsab fil-knisja ta' San Ġorġ. Fil-vara tal-katidral naraw lil Kristu mixħut taħt is-siġra taż-żebbuġ. Barra din il-figura hemm ukoll żewġ anġli. Wieħed minnhom qed iżomm kalċi (fuq barra) u salib (fuq gewwa). Jingħad li l-figura ta' Kristu saret minn statwarju Sqalli. Skond l-istess leggenda din il-vara saret lejn is-seklu tmintax. Dan is-statwarju ħarab minn pajjiżu u sab kenn f'Għawdex. Hu ħadem biss ir-ras, par idejn u par saqajn. Maż-żmien sari l-korp biex issir din il-vara.

Il-vara tal-knisja ta' San Ġorġ naraw lil Kristu għarkobbtejh b'idejh miftuħa mitluqin 'l isfel jitlob. L-anġlu jinsab fuq blata. Id l-anġlu l-leminija tinsab fuq spallejn Kristu u l-oħra qed iżomm kalċi riġal Dun Ġorġ Saliba. il-figura ta' Kristu hija mlibbsa libsa tal-bellus ħamra. Il-mant hu blu skur tal-bellus ukoll. Ir-ras, pali ta' l-idejn u r-riġlejn tal-figura ta' Kristu saru mill-kartapesta minn Joseph Sagona fl-1968. L-anġlu hu tal-kartepesta xogħol Vincenzo Cremona. Dan hu xogħol ta' l-aħħar tas-seklu l-ieħor. F'ras Kristu hemm dijadema f'għamla tal-fidda. Din qamet Lm 48. Wistin Camilleri kien irrestawra l-figura ta' l-anġlu fl-1915.

## Iż-Żebbuġ

Din il-vara turi lil Kristu mixħut taħt is-siġra taż-żebbuġ. Fuq ix-xelluġ hemm l-anġlu li għandu salib (fuq barra) u kalċi (fuq gewwa). Din hija tal-kartapesta u saret minn Wistin Camilleri fl-1966.

## L-Ort ta' Ħaż-Żebbuġ

Din hija vara minn sett ta' għaxra. Naraw lill-figura ta' Kristu mixħut għarkobbtejh fl-art qed jegħraq l-għaraq tad-demm. Hemm ukoll figura ta' anġlu. Għalhekk din il-vara tistejjaħ vara tipikament Maltija jew tradizzjonali. Din saret mill-kartapesta minn Ġużeppi Caruana fl-1955. Kienet swiet madwar Lm 88. Il-bradella tagħha hija tal-kewkba li saret minn Raymond

Buhagiar fl-1979.

Il-figura ta' Kristu mhux f'etisi iżda qed jitkellem ma' l-anġlu. B'hekk l-artist ħareġ minn l-idea Maltija. Il-posa ta' l-idejn Kristu huma wkoll uniċi. L-id ix-xelluġija tinsab tistrieħ fuq is-sider Kristu u l-lemija hija miftuħa. L-anġlu min-naħa l-oħra jinsab fuq blata. Hu figura statika għall-aħħar. Ma fih l-ebda movement. Il-kalċi jinsab f'id ta' gewwa u s-salib fl-id ta' barra.

## Xi kummenti generali

Il-vara ta' l-Ort hija waħda mit-8 vari tradizzjonali li jifformaw is-sett tal-passjoni Malti. Il-pożizzjoni ta' Kristu tinsab tradizzjonalment fuq il-lemin u l-anġlu jinsab fuq ix-xelluġ. Hemm xi eċċezzjonijiet. Il-vari ta' l-Isla, l-Mosta, n-Nadur u x-Xagħra l-pożizzjoni ta' dawn iż-żewġ figure tinsab mibdula. Il-vara tradizzjonali għandha anġlu wieħed. Hawn ukoll hemm l-eċċezzjoni. Il-vara taa' Bormla., Ħal Qormi u Belt Victorja (Katidral) għandhom żewġ anġli.

Il-vara ta' Raħal Ġdid hija wkoll unika. Naraw il-figura ta' Kristu mixħut fuq l-id il-leminija, mitluqa bla ħajja. L-anħlu tal-vara ma għandux la kalċi u l-anqas salib. Il-vara tan-Nadur hija wkoll unika. L-anġlu tagħha għandu biss kalċi. Il-vara tal-knisja ta' San Ġorġ (Belt Victorja) għandha figura ta' l-anġlu qed ittir.

## Meta saru l-vari presenti ta' l-Ort

L-aktar vara ta' l-Ort qadima hija dik tal-Birgu. Aktarx din il-vara kellha biss il-figura ta' Kristu u maż-żmien żiedu magħha l-figura ta' l-anġlu. Wara saret dik ta' l-Isla. Din aktarx saret qabel is-sena 1714. Wara tiġi l-vara tal-belt li wkoll kellha figura waħda biss dik ta' Kristu. Din saret fl-1730. Il-vara tan-Naxxar saret fl-1753, waqt dik tar-Rabat (Katidral) saret forsi qrib is-sena 1799. Sena wara saret dik taż-Żejtun. Ħal-Għaxaq daħlet il-vara ta' l-Ort wara ż-Żejtun u waraha kien imiss ir-Rabat (Malta).

Ħal Luqa kellha l-vara ta' l-Ort fl-1830 u wara kien imiss il-Mosta. Il-Għargħur kellu din il-vara fl-1868 u warajh kien hemm Bormla fl-1878. Ħal Qormi wkoll kellu l-vara ta' l-Ort fl-istess sena waqt ix-Xewkija l-vara tagħha saret bejn is-snin 1921 u 1924. In-Nadur kellu l-vara tiegħu fl-1927 waqt Ħaż-Żebbuġ kellu l-vara tiegħu fl-1955. Iż-Żebbuġ fl-1966. Il-parroċċa ta' San Ġorġ kellha l-vara tagħha fl-1968 u Raħal Ġdid fis-sena 1972.

**Referenza:**

**Joseph Grech: Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Malta u Għawdex, PEG (Publishers Entreprises Group ) Ltd 1999**

**Profil: Joseph C Camilleri**
twieled fl-1 ta’ Mejju 1953 f’Ħal Tarxien. Studja l-Liċeo l-Hamrun, il-Malta College of Education u l-Universita. Jien kap ta’ skola - Skola Dun Karm Sant Ħal Tarxien. Miżżewweġ lil Grace xebba Attard u għandhom żewġt itfal, wieħed 25 sena u ieħor ta’ 22 sena. Beda jikteb artikli fl-1977 u ippubblika f’Heritage, Civilisation, L-Orizzont, it-Torca, In-Nazzjon u l-Mument, kif ukoll fis-Sagħtar.

Riklam
Privat għat-tfal tal-Primarja
Privat għat-tfal li ser jagħmlu l-eżami tad-dħul tal-Junior Lyceums
Privat għas-subien li ser jagħmlu l-ezami tad-dħul għall-iskejjel tal-knisja
Privat għaż-żgħażagħ tas-sekondarja (Matematika)
Post: 100 Triq Santa Marija Ħal Tarxien
Tel: 21436090, 21892528, 79317436
Ikun hemm lezzjonijiet anke fix-xhur tas-sajf
Joseph C Camilleri, 32 Triq il-Muskatell, Attard ATD 2730

# Fjuri tal-Ġetsemani

*Oliver Friggieri*

**1** Ġetsemani, Ġetsemani,
li kieku nista' nbiddlek
fi ġnien tal-fjuri tiegħi
li naqta' meta rrid!
Li kieku nista' niżra' fl-oqsma tiegħek
xewqiet li jfuħu biss, li kieku.
Ġetsemani, Ġetsemani,
qawsalla wiesgħa nifrex fuqek
minn tarf sa tarf
u ndeffes fiha l-ilwien kollha,
u niftaħ sema blu',
u qatt irjieħ, u qatt maltemp.
Li kieku nista' nbiddlek
fi ġnien tal-fjuri tiegħi,
Ġetsemani, Ġetsemani!
Li kieku nista'!

† * † * †

**2** Illum l-Imgħallem tagħna
irid xi ħaġa minna
bla nafu xejn x'inhi.
Xi jrid? Xi jrid?

**3** Qatt ma rajnieh imħawwad,
u meta kien imnikket
malajr dawrilna kliemu fuq il-ferħ.
In-niket tiegħu huwa hieni,
u minnu nissel dejjem
għelieqi sħaħ ta' sliem,
u mbagħad saqqieh bid-dmugħ u dejjem kiber.
Is-sliem li żera' Hu ma nixef qatt,

u l-għatx ma ħadniex aktar
għax sqiena l-ilma tiegħu.
Illum, illum mhux hekk,
fi ħsiebu hemm xi ħaġa itqal minnu
bla nafu xejn x'inhi.
Ġetsemani, Ġetsemani,
aħjar li toroq oħra
jinfetħu hawn quddiemna,
u jkunu t-toroq tax-xewqiet is-sbieħ.

**4** Ma nitilquhx lil Sidna f'din is-siegħa,
issa li qalbu sewda,
ikun xi jkun li ġej għal fuqu,
u jekk meħtieġ ilkoll immutu miegħu.
Inxeħtu hawn stennewni,
se mmur lilhinn biex nitlob.

**5** Ma nitilqukx ja Sidna f'din is-siegħa,
issa li qalbek sewda,
ikun xi jkun li ġej għal fuqek,
u jekk meħtieġ ilkoll immutu miegħek.

**6** Għall-mewt imnikkta ruħi,
għall-mewt, għall-mewt, Missier.
Jekk jista' jkun, ħa tgħaddi din is-siegħa.
Int kollox tista', u jekk trid teħlisni.
Abba, Abba, mhux li rrid jien isir,
u tkun ir-rieda tiegħek.

**7** Nixtiequ nishru miegħu,
nixtiequ, kemm nixtiequ!
Ma nifilħux, u n-ngħas ħelu rebaħna,
ir-rieda tagħna ċċedi
quddiem dal-ġisem dgħajjef.
Nixtiequ, kemm nifilħu nġorru xewqa
li mbagħad aħna w mixjin nintradmu taħtha.
Ix-xewqa li tgħollina 'l fuq fis-sema,

ix-xewqa li twaqqagħna fl-għajb ta' l-art.
Nixtiequ, kemm nixtiequ,
u dan ma jiswa xejn,
xewqat, xewqat, xewqat li bihom qalbna
tissokta tgħix, u bihom se tixxaqqaq.

**8** Ġetsemani, Ġetsemani,
għalfejn Mulej f'dis-siegħa
daħħaltna f'dan il-post?
M'hawn xejn ħlief dellijiet u ħemda kbira,
u rridu norqdu, u inti ma tridniex.
Xi trid, xi trid mingħandna?
Imnikkta qalbna wkoll għax inti mnikket,
u kieku nistgħu
nitilqu 'l bogħod 'il bogħod minn hawn
u lilek inġorruk 'il barra magħna,
'il bogħod, 'il bogħod
mit-telqa tal-Ġetsemani,
biex terġa' tkun ferħan
u lkoll flimkien naqbżuha 'l din is-siegħa.
Ma kontx imnikket hekk sa ftit jiem ilu,
Mulej, ma kontx.
Naraw x'qed jiġri
mingħajr ma nifhmu sewwa.

**9** Dal-kus ta' mrar neħħili,
warrabli minn quddiemi,
Missier, Missier,
u jsir dak li trid Inti.

**10** Imdejqa, qalbi mdejqa
u tqila, tqila wisq.

**11** Ġetsemani, Ġetsemani,
dal-post m'huwiex għalina,
din siegħa ta' mistrieħ.
Imdejqa, qalbna mdejqa

u tqila, tqila wisq.

**12** Dal-kus ta' mrar neħħili,
warrabli minn quddiemi,
Missier, Missier,
u jsir dak li trid Int.

**13** Ittektek din il-weġgħa
xi mkien fil-qiegħ ġo fina,
il-weġgħa twieldet magħna
u tidwi bla ma tieqaf. Għaliex? Għaliex?
Il-lejl jifthilna l-ġrieħi kbar tad-dalma,
il-jum jifthilna l-ġrieħi kbar tad-dawl.
Bil-lejl, bin-nhar, deħlin, ħerġin mill-għalqa
tat-talb u ta' l-uġigħ.
Bil-kelma nistennew li ninfdu s-Sema,
biex jinżel fuqna l-faraġ minnufih.

**14** Hemm raġel mixħut fl-art minn tulu,
u jokrob b'ħafna wġigħ,
u dan l-uġigħ hu moħbi
xi mkien 'il ġewwa fih.
It-talb jgħollih sas-Sema,
jistenna, jistenna,
u n-niket tqil ikompli jniżżlu 'l isfel,
minn tulu fl-art, dar-raġel.

**15** Min hu? Min hu dar-raġel?
Kont nafu sew, iżd'issa
bħal donni ma nafux.
Ma kienx bħal m'huwa llum, u f'din is-sura
ma jingħarafx u jiena ma nagħrfux.
Niftakru sewwa lbieraħ,
illum na niftakrux.
Min hu? Min hu?

**16** Jitniehed, jokrob, jingħi,

mingħajr ma jieqaf qatt,
u jferra' n-niket tiegħu
ingħajr ma jfarrġu ħadd.
M'hawn ħadd, m'hawn ħadd li jafu?
Mank hawn xi qalb ħanina
li tħoss kemm kemm għalih!
Mank fomm li jgħolli leħnu
biex jaqbeż darb'għalih!
Mank par riġlejn li jersqu
ftit passi 'l hinn, sa ħdejh?
Mank par idejn li jimsħu
xi demgħa ta' ħaddejh!
M'hawn ħadd. M'hawn ħadd.

**17** Fejn huma l-ħbieb bħalissa
biex waħdu hawn ħallewh?
Min afu ma jafux, u kollha
inqatgħu minnu, nsewh.
Bla isem u bla wiċċ dar-raġel,
kulħadd jistħih.
Mill-ferħ tal-ħajja
ma fadal xejn għalih.

**18** Il-kus imfawwar,
u xejn ħlief morr ma fih,
se jressqu lejn xofftejh, jixorbu
u jlaqqtu sew, sal-qiegħ, sal-qiegħ.

**19** Ebda sabar, ebda sabar,
u xejn ħlief hemm,
jispunta l-għaraq, joħroġ
u jċarċar fuq il-qiegħa
sakemm jitbiddel f'demm.
U kulma nbeda fik, Ġetsemani,
kif hemm miktub, jintemm.

**20** Alla tiegħi, Alla tiegħi,

morr wisq il-morr, ma nixorbux,
u ħalli xorta sseħħ ir-rieda tiegħek.
Fejn Int? Fejn Int?
Il-għala tlaqtni sa minn issa?
It-tliet waqgħat quddiemi,
quddiemi t-tliet imsiemer,
quddiemi ċ-ċaħda, waħdi quddiem folla,
dis-sikta kollha tgħid li ħadd ma jridni.
M'iniex mixtieq, ma ngħoddx, inutli.
Intix 'il bogħod, intix fil-qrib, Missieri,
ma rridx dal-morr, u rrid, u ma rridux.
Nixorbu, u kieku nista', le, ma nixorbux.
Ngħid le, ngħid iva, iva, le, u iva.

**21** Nitħawdu f'dan il-lej'
minħabba fik, Mulej.
Inqtajt 'il bogħod minn magħna
biex tlabt lil Alla tiegħek,
u ridtna nishru miegħek,
imqar għal ftit,
u kien għalxej'.
Kull wieħed minna raqad
biex reġa' qam għajjien,
u tqil bid-diqa ġdida
ta' dan il-ġnien.
Ġetsemani, Ġetsemani,
hawn fejn int shart
għal ħafna ħin fis-skiet
mimdud sa wiċċek fl-art.
U hawn fejn stajna straħna, ma straħniex,
u hawn fejn stajna nifhmu, ma fhimniex.
Għaliex? Għaliex?
Forsi kien għalxej',
għal tliet darbiet, Mulej,
qajjimtna f'dan il-lej'.
Mill-imħabba li tajtna dejjem
illejla tlabtna lura ftit.

In-ngħas, in-ngħas, in-ngħas...
Ir-ruħ ħerqana, trid.
Il-ġisem tqil, marid.
Għal tliet darbiet
ġejt ħdejna mgħobbi waħdek tliet xewqiet,
għalxej', għalxej',
u l-ġnien hu mimli nies, u kollu kwiet.
Xewqiet, xewqiet, Ġetsemani ta' ċaħda.
In-ngħas, in-ngħas, iżda issa n-ngħas marilna,
u marritilna wkoll is-saħħa biex nitolbu,
u mnikkta bħalek,
waħdek inti, waħdek aħna,
nistennew
li l-jum il-ġdid joħroġna minn hawn ġew.

**22** Titniehed, tokrob, tingħi,
mingħajr ma tieqaf qatt,
u tferra' n-niket tiegħek
mingħajr ma jfarrġek ħadd.
Qed tara x'hemm quddiemek,
diġa', diġa'.
Se jistaqsuk, Ġesù,
min int. Int il-Messija?
U Int se tgħid: Jien Hu!

**23** Dan ħaqqu l-mewt. Jissallab,
u din hi d-dagħwa tiegħu,
jingħata l-mewt u miegħu
tmut din id-dagħwa wkoll.
M'hemm xejn eqqel mill-għira,
xejn isħeħ mill-imħabba,
dan tafu sew, Barabba,
għax fik imħabba m'hemmx.
Imħabba, mħabba, dejjem
u kullimkien, Ġesù
xandarha sa ma daħlet
fil-qalb ta' ħafna nies

li fehmu mbagħad min hu,
għax Huwa ħabb, u ħabb, u ħabb bla qies.
U baqgħet din l-imħabba
biex xorta qatt, Barabba,
ma daħlet fil-qalb tiegħek.
Illum, għall-aħħar darba,
quddiem kulħadd u miegħek
jinsab Ġesù
jistenna li tinduna
sa fl-aħħar Hu min hu.

**24** In-ngħas, in-ngħas, Ġetsemani,
in-ngħas, u r-ruħ ħerqana trid,
il-ġisem tqil, marid.
Ġesù, Ġesù,
xi darba
kien Hu, kien Hu, kien Hu
li qal biss kelma waħda
u kellna l-ġuħ, temagħna,
u kellna l-għatx, u sqiena,
u kellna l-morda w fiequ,
u mietu niesna w qamu
għax darba qal il-kelma
u seħħ kulma ried Hu.
Ftaħnielu t-toroq tagħna
u mexa hieni magħna
sa bieb Ġerusalemm.
Hosanna! Hosanna!
Tajnieh il-merħba s'hemm.
Hosanna! Hosanna! Hosanna lil Ġesù!
Iżd'issa fil-Ġetsemani
hemm raġel waħdu, jibki
u jegħreq dmugħ tad-demm.
Min Hu? Min hu?
Hemm libsa ħamra skura
lesta għalih,
hemm xewk minsuġ f'kuruna,

tislima ta' żeblieħ.
U hemm salib, hemm għolja,
hemm mixja tqila tqila tliet waqgħat,
hemm ftit inbid bil-mirra,
hemm agunija ħarxa tliet sigħat.

**25** Mill-għar ta' Betlem tidher
diġa' Ġerusalemm,
u mbagħad tidher il-Golgota,
u mbagħad xi mkien, lilhemm,
'il fuq, 'il fuq mill-għatu
ta' qabar fejn difnuh,
hemm belt li Huwa wiegħed
lil dawk li anki msallab
baqgħu xorta jagħrfuh.

† * † * †

**26** Ġetsemani, Ġetsemani,
li kieku nista' nbiddlek
fi ġnien tal-fjuri tiegħi
li naqta' meta rrid!
Li kieku nista' niżra' fl-oqsma tiegħek
xewqiet li jfuħu biss, li kieku.
Ġetsemani, Ġetsemani,
qawsalla wiesgħa nifrex fuqek
minn tarf sa tarf
u ndeffes fiha l-ilwien kollha,
u niftaħ sema blu',
u qatt irjieħ, u qatt maltemp.
Li kieku nista' nbiddlek
fi ġnien tal-fjuri tiegħi,
Ġetsemani, Ġetsemani!
Li kieku nista'!